MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 359/1999/1

**Doris Debono mart Carmel Debono**

**vs**

**L-istess Carmel Debono**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi kommessi kontriha da parti tal-istess zewgha kif ukoll tkissret irrevokabbilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-

separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fis-sittax (16) ta' Dicembru 1998 (Digriet Numru ___/98) Dok "A" hawn anness);

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Debono minhabba adulterju, sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

2. M'ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, u tnaqqis dirett minn xi eventwali pensjoni jew beneficcju percepit jew percepibbli mill-konvenut, li ghandhom jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

3. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto* jew *in parte*.

4. M'ghandhiex tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u likwidata okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi l-porzjoni li tigi assenjata lill-attrici ghandha tinkludi l-lokazzjoni tad-dar matrimonjali, u billi jekk ikun il-kaz, jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. M'ghandux il-konvenut jigi ordnat jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha.

6. M’ghandhiex l-attrici tigi awtorizzata tkompli tabita fid-dar matrimonjali li hija mikrija f’Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta’ Xbiex ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-Mandati ta’ sekwestru mahrugin kontra l-konvenut numru 315/99, u tal-kontro-Mandat tal-istess kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 511/99 – kontra l-konvenut – ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-6 t’Awissu 1999 a fol. 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta.

2. Illi huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti, u kif kull kaz jopponi ruhu ghall-ispejjez *stante* illi l-kawza saret intempestivament.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 9 u 10 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-16 ta’ Settembru 1999 fejn il-Qorti giet infurmata li hemm possibbilta’ ta’ separazzjoni konsenswali; tad-29 t’Ottubru 1999 fejn fin-nuqqas ta’ tranzazzjoni l-Qorti nnominat lil Dr. Greta Agius bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi fil-kawza; tal-5 t’April 2000; tat-30 ta’ Mejju 2000; tal-11 t’Ottubru 2000; tal-20 ta’ Novembru 2000; tat-2 ta’ Mejju 2001; tat-13 ta’ Novembru 2001; tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tal-20 ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-Assistent Gudizzjarju tad-9 t'Ottubru 2002 fejn informat lill-Qorti li l-impjieg taghha bhala Assistent Gudizzjarju gie terminat u ghaldaqstant talbet direzzjoni tal-Qorti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 9 t'Ottubru 2002 fejn gie revokat l-inkarigu tal-istess Dr. Greta Mifsud Agius bhala Assistent Gudizzjarju, pero' l-inkarigu gie sostitwit ghal wiehed ta' Perit Legali a spejjez provizorjament attrici.

Rat il-verbali tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn l-istess Perit Legali nfurmat lill-Qorti li pprezentat ir-rapport taghha; u tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 2 t'Ottubru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **Doris Debono**, l-attrici, tispjega li hi u zewgha zzewgu fid-29 t'Ottubru 1971. Kienu damu johorgu flimkien ghal madwar sena u nofs.

Illi l-attrici xehdet li l-konvenut kellu 'Bar' f'Tas-Sliema u kien dejjem jahdem go 'bar' u kien iqatta' hafna mill-hin tieghu hemmhekk. L-attrici tispjega illi meta zzewgu kienet dejjem tinzel gol-hanut sabiex tghin ir-ragel u kien biss f'din l-ahhar sena minn meta xehdet li ma baqghetx tinzel. Qabel ir-ragel kellu post go Manwel Dimech Street,

Sliema u mbaghad kera post f'Rudolph Street, Sliema u dan il-hanut ilu mikri ghandhom sa mis-sena 1990.

Illi l-attrici tispjega kif il-problemi fiz-zwieg taghhom imorru lura sa mis-sena 1985, meta kienet tkellmet ma' avukat sabiex tibda l-proceduri ta' separazzjoni, izda kienet imbaghad ddecidiet li taghtih cans u fl-istess hin kienet tibza' minnu ghaliex kien aggressiv u kien jheddidha li kien ser joqtolha. Il-problemi l-aktar kienu fuq l-ghira ghaliex il-konvenut kien ihobb jittanta n-nisa u dan kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi l-konvenut kellu problema ta' xorb li zdiedet fiz-zwieg u kien beda jidhol id-dar fis-sakra u sahanistra kien beda jsawwat lill-attrici.

Illi l-attrici tkompli tghid li l-konvenut ilu b'din il-problema tax-xorb, madwar tmienja u ghoxrin sena (28) sena u jibda jixrob minn kmieni filghodu u jibqa' sejjer hekk sa fil-ghaxija. L-attrici tistqarr li kienet ghamlet mezz sabiex tipprova tikkurah minn din il-problema, izda qatt ma kkopera. Hi kienet ippruvat taghmel dan sabiex l-ambjent familjari jitjieb.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi zewgha kien jonfoq hafna flus fix-xorb, fil-lottu u fiz-zwiemel. Tghid ukoll li zewgha kien igib il-films pornografici u kellha toqghod tarahom mieghu bilfors qabel ma jkollha x'taqsam mieghu u jekk kienet tazzarda tghidlu li ma xtaqitx tara dawn il-films kien isawwatha.

Illi l-attrici tispjega li hafna drabi r-ragel taghha kien ikun fis-sakra, tant li kien impossibbli ghaliha li jiffinalizza l-att sesswali u per konsegwenza kien jaqbad jinfexx maghha u kien jibda jsawwatha u jghajjarha.

Illi l-attrici tistqarr li zewgha kien isawwatha regolarment, izda hi mhux dejjem kienet taghmillu rapport lill-pulizijia ghax kienet tibza' minnu. In sostenn ta' dan l-attrici esebiet ritratti li juru grif u daqqiet f'wiccha li kien ghamlilha zewgha fit-30 ta' Novembru 1995. L-attrici tispjega wkoll illi peress li l-'bar' kien iffrekwentat minn

hafna pulizija, dawn kienu jippruvaw iwissuh sabiex ma jibqax isawwatha. L-attrici esebit ukoll zewg certifikati ohra datati 8 ta’ Lulju 1992 u 30 ta’ Novembru 1996, li juru r-rizultat tal-iswat li zewgha kien ghamel fuqha.

Illi l-attrici tistqarr ukoll illi l-konvenut kien ibiddilha ma’ mara ohra waqt iz-zwieg u din kienet Doris Abela. Tistqarr li l-konvenut kien ighidilha li kien iddispjacih li ma marx ighix ma’ din Doris ghal dejjem. Din Doris Abela kienet tahdem f’hanut tal-pastizzi vicin il-‘bar’ tal-konvenut.

Illi l-attrici tkompli tispjega illi l-konvenut kien jittrattaha ta’ skjava u hi kienet toqghodlu minhabba li kienet tibza’ mill-konsegwenzi, ghax kontinwament kien isawwatha u joffendiha.

Illi l-attrici tghid ukoll li hi u r-ragel taghha ghadhom joqoghdu fl-istess dar, izda hi tissakkar fil-kamra taghha ghaliex tibza’ minnu hafna. Tul il-proceduri ta’ separazzjoni, ir-ragel taghha kisser il-bozoz tad-dar kollha, kien jitfi l-*fridge* meta ma tkunx id-dar. Hi kienet ukoll dahhlet linja tat-*telephone* ghaliex ir-ragel kien qata’ l-linja u b’hekk giet fi stat fejn lanqas setghet tikkuntatja lit-tifla taghha li hija mizzewga u toqghod l-Italja.

Illi ssemmi wkoll li kien itaqqab il-*geyser* u zewgha kien impika maghha u sa llum dan il-*geyser* ghadu mtaqqab. L-attrici tistqarr li hi m’ghandhiex il-flus sabiex tbiddel dan il-*geyser* u jkollha tinhasel billi isahhan barmil taz-zingu fuq il-gas.

Illi l-attrici tispjega illi tul il-hajja mizzewga taghha kienet imdejqa hafna u meta s-sitwazzjoni tant aggravat bejniethom li hi ma riditx taf izjed u riedet tkompli bis-separazzjoni, kellhom jintervjenu hut l-konvenut. Tant hu hekk li oht il-konvenut Marthese Debono kienet qaltilha sabiex tmur tghix maghha u titlaq lir-ragel.

Illi l-attrici tkompli tghid ukoll li l-konvenut kien jghir hafna ghaliha u lanqas kien iridha tkellem lil hadd. Jekk kollox kien imur hazin kien jinfexx fiha u kienet dejjem hi li tiehu t-tort sew jekk kien f’sensih, sew jekk kien fis-sakra.

Illi dwar l-introjtu tar-ragel, l-attrici tispjega illi, il-konvenut jiftah il-hanut kuljum, hlief ghal nhar ta' Tlieta fil-ghaxija u kull nhar ta' Hadd filghaxija. Mill-'bar' jbiegh mhux biss xorb, izda *snacks*, gelati, sigaretti, kaxex tac-cikkulatini, *telecards*, kif ukoll biljetti tal-lotterija. L-attrici tkompli tistqarr li sa fejn taf hi, il-konvenut m'ghandux il-licenzji kollha sabiex jopera u f'diversi drabi ma jiddikjarax il-Vat.

Illi l-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien jordna madwar sittin (60) kaxxa birra mhallta, ghoxrin (20) kaxxa ilma u erbghin (40) kaxxa *soft drinks* fil-gimgha ghall-hanut. *Whisky* kien igib erba' jew hames kaxex fix-xahar. Kien jordna wkoll hafna helu, gelati kemm lokali kif ukoll ta' barra. Kien jimla' l-*freezers* bil-gelati fil-gimgha. Sigaretti kien jixtri madwar ghoxrin grossa u hemm il-magni tas-sigaretti li minnhom hemm ukoll il-qliegh. Ibiegh il-hobz fil-ghodu u ukoll jaghmel *sandwiches* u *snacks*.

Illi l-kera tal-'bar' hija ta' erba' liri Maltin (Lm4) kuljum u ilu mikri ghand il-konvenut ghal dawn l-ahhar ghaxar snin.

Illi minn meta zzewgu, l-attrici tistqarr illi hija dejjem hallset il-kera tad-dar u cjoe' Lm75 fis-sena. Imbaghad bid-digriet tas-Sekond' Awla, il-konvenut gie ordnat ihallas il-kera, izda l-attrici tiddikjara illi taf li l-konvenut mhux qed ihallas lid-Dipartiment tad-Djar. Is-sid tal-post huwa l-Gvern. Illi l-istess japplika ghall-kontijiet tad-dawl, ilma, u anke tal-licenzji tat-*television*.

Illi dwar il-bzonnijiet medici u spejjez edukattivi tat-tifla taghhom, l-attrici tispjega li dejjem hadet hsieb dawn l-ispejjez hi u dan anki jekk baqghet nieqsa hi. Ghall-ikel kienet tiehu hsieb hi u l-unika haga li gieli kien igib il-konvenut kienet xi hobza jew inkella xi tigiega, izda dan ma kienx ta' spiss.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi r-ragel taghha qatt ma taha sodisfazzjon dwar il-flus li kellu l-bank, kienet biss taf li kien hemm xi Lm800 mal-Mid-Med Bank f'Tas-Sliema. Hi kellha wkoll *bearer account*.

Illi xehdet ukoll **Emily Micallef** li hija oht l-attrici. Tispjega illi mill-bidu nett taz-zwieg taghhom Doris kienet tghidilhom li r-ragel kien isawwatha. Tispjega li Doris u r-ragel taghha ma damux johorgu flimkien qabel ma zzewgu.

Illi x-xhud tispjega kif ohtha kienet tghidlilha li l-konvenut kien jixrob u jisker regolarment u li hi meta kienet tinzerta tmur ghandhom kienet issib hafna flixken tax-xorb.

Illi x-xhud tispjega wkoll illi l-konvenut kellu hanut tax-xorb u hi gieli nizlet m'ohtha fil-hanut.

Illi x-xhud tistqarr li ohtha gieli qaltilha li zewgha kien isawwatha u kien joffendiha u tghid li darba minnhom kienet marret ghandha l-attrici u kellha wiccha mimli grif fond u bid-demm. Kienet haditilha xi ritratti bhala prova.

Illi x-xhud tispjega li l-konvenut kien tip stramb u ma tantx kien socjevoli u kien mohhu li n-nies ma setghux ghalih.

Illi oht l-attrici tghid li hi kemm-il darba ppruvat tikkonvinci lill-attrici titlaq lir-ragel taghha u jekk kien hemm bzonn tmur tghix maghha, izda qatt ma kellha l-kuragg titilqu.

Illi x-xhud tispjega kif ohtha kienet tghidiliha li r-ragel taghha ma kienx jittrattaha ahjar minn seftura, kelli taghmel dak li jghid hu u kellha wkoll isajjarlu dak kollu li ried hu. U lanqas ma kien jaghtiha flus.

Illi x-xhud tistqarr illi Doris ma tantx kienet rilassata quddiem zewgha, dejjem kienet attenta li ma ddejjaqx lir-ragel taghha.

Illi x-xhud tispjega li ohtha kienet qaltilha li zewgha kien bidilha ma' wahda jisimha Doris u li din kienet tahdem go hanut tal-pastizzi vicin tal-'bar'.

Illi x-xhud tghid ukoll illi l-konvenut kien ighir ghall-attrici.

Illi xehdet ukoll **Rita Portelli**, ukoll oht l-attrici u tispjega li l-konvenut kien tip stramb hafna li ma kienx ikompli mal-

familja. Kien ukoll rari li kien imur maghhom ghand il-ġenituri ta' martu.

Illi din tghid li hi kienet taf li tul iz-zwieg, ohtha u l-konvenut kienu jiggieldu kontinwament u kien jixrob, tant hu hekk li kien imbaghad isawwat lil martu. Dan kien jigri regolarment.

Illi tat ix-xhieda taghha wkoll **Josephine Baldacchino**, li hija ukoll oht l-attrici. Tispjega kif ohtha kienet qaltilha li zewgha kien jerfa' jdejh fuqha u li dan kien jigri regolarment. Darba minnhom ohtha kienet giet ghandha u qaltilha li r-ragel kien sawwatha fit-triq u fil-fatt kellha wiccha ahmar.

Illi tghid ukoll li jumiljaha u joffendiha kontinwament. Ohtha gieli marret tibki ghandha wkoll jew kienet tikkuntatjaha. Ix-xhud tispjega wkoll illi l-attrici qatt ma kellha l-kuragg titlaq lir-ragel minkejja li kienet qaltilha biex titilqu kemm-il darba.

Illi gew prodotti wkoll bhala xhieda **Louis Vella**, **Alfred Stivala**, **Joseph Busuttil**, **Rose-Anne Micallef**, **Luigi Cassar Manghi**, **Noel Portelli**, **Paul Busuttil**, **Anthony Bonello**, **PC 634 Wilfred Imbroll**, **Tonio Wismayer**, **Gilian Degaetano**, **Derek Debattista**, **Brian Farrugia** u **Annabelle Malatino** u dan sabiex jixhdu dwar rapporti li l-attrici ghamlet lill-Pulizija u wkoll dwar il-merkanzija li l-istess konvenut kien jixtri sabiex jiggestixxi l-hanut tieghu u wkoll depoziti bankarji tal-kontendenti.

## (ii) APREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi bil-prezenti kawza l-attrici qed taghmel kawza ta' separazzjoni kontra l-konvenut fejn qed tallega li l-istess konvenut kien hati lejha ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi w adulterju u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u wkoll qed titlob manteniment ghaliha mill-istess konvenut, il-likwidazzjoni u konsegwenti qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, ir-ritorn tal-oggetti parafernali taghha u fl-ahharnett li l-istess konvenut jizgombra mid-dar konjugali

u hija tigi awtorizzata li tghix fl-istess dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Illi dwar l-ewwel talba l-esponenti thoss li l-attrici ppruvat bizzejjed li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut Carmel Debono u dan peress li jirrizulta mill-provi fuq prodotti li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ swat, vjolenza domestika, theddid, w ingurji gravi, b’dan li l-hajja tal-attrici mal-istess konvenut kienet wahda ta’ martirju kontinwu.  Jidher li l-konvenut kien fil-gran parti tar-relazzjoni tieghu mal-attrici jittratta lill-istess attrici bhala skjava, kollox li jghid huwa u jekk hija ma taqbilx mieghu f’xi haga, u huwa jkun taht l-influwenza tax-xorb, jinfexx isawwatha u jaghmel minn kollox sabiex jumiljaha.

Illi ghandu jigi osservat *inoltre* illi l-konvenut, minkejja li pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu lanqas biss deher sabiex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu, u hawn il-Qorti tinnota li l-Perit Legali ffissat diversi seduti ghall-provi tal-konvenut inkluzi dawk tat-30 ta’ April 2002, 24 ta’ Mejju 2002, 4 ta’ Novembru 2002, 14 ta’ Novembru 2002 u l-istess konvenut lanqas biss deher u allura lanqas biss indenja ruhu jressaq il-provi tieghu.  Illi ghalhekk in forza tad-Digriet ta’ din il-Qorti datat 20 ta’ Gunju 2002, fejn l-Qorti ordnat li jigu ffissati l-ahhar zewg seduti ghall-provi konvenut, liema seduti kif inghad inzammu mill-istess perit legali izda bla ma l-konvenut attenda ghall-istess, u l-istess provi tal-konvenut gew iddikjarati bhala maghluqa.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoniet tal-Perit Legali illi l-unika verzjoni tal-attrici, kif korroborata mix-xhieda prodotti minnha hija dik kredibbli, u fil-fatt l-istess verzjoni tal-attrici ma hija bl-ebda mod kontradetta minn imkien u f’dan il-kuntest din il-Qorti tinnota li l-attrici baqghet mal-konvenut ghal tletin (30) sena minkejja li giet trattata bil-mod hazin kif giet trattata, u ghalhekk baqghet isofri l-eccessi tal-konvenut ghal dan iz-zmien kollu.  Jigi wkoll rilevat u enfasizzat li l-konvenut tul dawn is-snin twal jidher li kellu u ghad ghandu problemi ta' xorb, li per konsegwenza wassluh sabiex jerfa' jdejh fuq martu l-attrici u din kienet haga li kienet tigri ripetutament u mhux f'xi

okkazjonijiet rari, u dan jirrizulta mid-diversi rapporti li pprezentat l-attrici.

Illi din il-Qorti terga' tirrileva illi l-attrici ghandha tigi apprezzata specjalment ghall-mod, kif giet trattata u stmata tul iz-zwieg taghha, meta kulma rat huwa swat, ingurji u theddid.  Kellha kwazi ta’ kuljum tqum u torqod kontinwament b'din il-biza’ minhabba dan l-agir abbusiv *da parte* tal-konvenut u t-theddid kontinwu tieghu, u ghalkemm jidher car li kemm-il darba l-istess attrici ma ghamlitx rapporti lill-pulizija fuq dan l-agir illegali tal-konvenut fil-konfront taghha, issir riferenza wkoll ghax-xhieda ta’ P.C. 634 Wilfred Imbroll fejn gew esebiti xi rapporti li ghamlet l-attrici mmarkati bhala Dok. “W11”, Dok. “W12” u Dok. “W13”, u dan apparti c-certifikati medici u r-ritratti esebiti mill-attrici minn fol. 39 sa fol. 42 tal-process.

Illi ghalhekk, dini l-Qorti thoss li s-separazzjoni personali ghandha tinghata lill-attrici minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu; pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-aggravju dwar l-allegat adulterju tal-konvenut – ghalkemm l-attrici tindika persuna specifika ma’ min hija tghid li l-konvenut kellu relazzjoni – ma giex ippruvat fil-grad ta’ prova rikjesta mill-ligi.

Illi dwar it-tieni talba fejn l-attrici qed titlob retta alimentari, jirrizulta li l-attrici m'ghandhiex mezz ta' ghixien, filwaqt li l-konvenut jiggestixxi l-*Halfway Bar.* Mill-provi li ngabu, ghalkemm ma giex precizat l-ammont ta' profitti li jirrendi dan il-hanut kull xahar, jidher pero' li huwa negozju li sejjer tajjeb, u dan jirrizulta car mill-*istock* li jordna l-konvenut regolarment kif ukoll li l-istess *stock* jithallas regolarment. Dan huwa rifless mill-merkanzija li l-istess konvenut kien jixtri sabiex jikkommercja fl-istess hanut, u hawn issir riferenza ghax-xhieda ta’ Alfred Stivala rapprezentant tas-socjeta’ Stivala (Wines & Spirits) Limited li esebixxa d-dokument “AS 1” li jindika l-merkanzija li nxtrat mill-konvenut mis-sena 1995 sas-sena 2000, fejn jirrizulta li fl-ahhar sena l-istess konvenut xtara b’kemm jiswew Lm3,578.01 f’xorb; ghax-xhieda ta’ Roseanne Micallef bhala rapprezentanta tas-socjeta’ Simonds Farsons Cisk li

esebiet bhala Dok. “RM1” l-merkanzija li xtara minghand l-istess; ix-xhieda ta’ Luigi Cassar Manghi ghan-nom ta’ Delicata Wineries li esebixxa d-Dokument “LCM 1” li esebixxa ix-xiri li ghamel il-konvenut minghand l-istess ditta ghas-snin bejn l-1990 u l-1999; ix-xhieda ta’ Anthony Bonello ghan-nom tal-Enemalta Corporation li esebixxa *inter alia* l-kontijiet tad-Dawl u ilma tal-stess hanut *Halfway Bar*, Rudolp Street, Sliema bhala Dok. “AB 1” u Dok. “AB 2”;

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ghandha d-dritt li tigi mantnuta mill-konvenut li ghandu ntrojtu sufficjenti sabiex jissomminstra lill-attrici l-alimenti li huwa obbligat li jhallas skond il-ligi, u skond id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tali ammont kien iffissat fl-ammont ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha, liema digriet gie kkonfermat permezz ta’ Digriet *pendente lite* b’Digriet ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-2 ta’ Novembru 2002, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-provi kollha hawn prodotti, maghduda nuqqas tal-konvenut li jressaq xi minimu ta’ provi kemm sabiex jikkontrasta l-allegazzjonijiet attrici u kif ukoll sabiex jindika b’mod serju l-introjtu attwali tieghu, din il-Qorti thoss li l-manteniment ghall-istess attrici mill-konvenut ghandu jkun ta’ hamsin Lira Maltin (Lm50) fil-gimgha, pagabbli kull gimgha bil-quddiem fir-residenza attwali tal-istess attrici, u dan l-ammont huwa ntiz sabiex jigu koperti l-ispejjez tal-kera, kontijiet tad-dawl u ilma kif ukoll tat-*telephone* u *T.V. Licence* tar-residenza tal-attrici, li dwarha ser jigi deciz aktar ‘il quddiem.

Illi in kwantu jirrigwarda t-tielet (3) talba u cjoe' l-applikazzjoni tad-dispozizzjoni tal-**artikoli 48, 50 u 51** din il-Qorti tiddeciedi illi dawn ghandhom jigu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

Illi dwar ir-raba' talba l-Qorti sejra l-ewwelnett telenka l-assi u d-debiti li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti u dan skond ma jirrizulta mill-provi prodotti mill-attrici.

**(a) Assi.**

[a] Kirja tal-hanut *Halfway Bar*, Sliema li gie mikri mill-konvenut fl-1990 inkluz l-*istock* u l-avvjament tal-istess, inkluz kull debitu li hemm fuq l-istess negozju.

[b] Kirja tal-fond matrimonjali u cjoe' Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex, inkluz il-mobbli kollha li jinsabu go fiha li dwarhom ma kien hemm l-ebda prova.

[c] L-ammont ta' seba' mija u hdax-il Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm711.78) li hemm depozitati l-*HSBC Bank* Malta f'kont kurrenti f'isem Carmel Debono, u li jgib in-numru 008-046740-001. [Dok. "DD1" – "DD7"]

[d] *Bearer account* li jgib in-numru [*thirty thousand, one hundred forty two*] li sal-1 ta' Dicembru 1998 kellu bilanc ta' elfejn u tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm2,825.02).

[e] Vettura li hemm registrata f'isem il-konvenut *Austin Mini* KAA-245 li ilha registrata f'isem il-konvenut sa mis-6 ta' Jannar 1998.

[f] Arretrati ta' kera tal-istess dar matrimonjali u kera tal-*meters* tad-dawl u ilma u konsum ta' dawl u ilma tal-fond Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex, u kera tas-servizz tat-telefon, u kontijiet ghall-uzu tal-istess.

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-istess assi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u *arbitro boni viri* li l-istess ghandhom jigi maqsuma f'zewg porzjonijiet li huma s-segwenti:-

- **<u>PORZJON "A".</u>**

\- Kirja tal-fond Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex inkluz il-mobbli li jinsabu go l-istess dar matrimonjali.

\- *Bearer account* li jgib in-numru [*thirty thousand, one hundred forty two*] li sal-1 ta' Dicembru 1998 kellu bilanc ta' Lm2,825.02.

- Nofs l-arretrati ta’ dawl, ilma u *telephone* tad-dar konjugali, u kera tal-fond *de quo* sad-data ta’ din is-sentenza.

- **<u>PORZJON “B”.</u>**

- Kirja tal-hanut *Halfway Bar*, Sliema, bl-oggetti kollha u l-istock li huwa adebit fl-istess hanut, u kull debitu in konnessjoni mal-istess.

- Vettura li hemm registrata f'isem il-konvenut *Austin Mini* KAA-245 li ilha registrata sa mis-6 ta' Jannar 1998.

- L-ammont ta' seba’ mija u hdax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm711.78) li hemm depozitati l-*HSBC Bank* Malta f'kont kurrenti f'isem Carmel Debono u li jgib in-numru 008-046740-001. [Dok. “DD1”-“DD7”]

- Nofs l-arretrati ta’ dawl, ilma u *telephone* tad-dar konjugali, u tal-kera tal-istess fond sad-data ta’ din is-sentenza.

Illi in vista tat-talba attrici ghall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti l-Qorti thoss li abbazi tal-provi li ngabu quddiemha l-istess divizjoni ghandha ssir b’dan il-mod, u f’dan l-ezercizzju din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li n-negozju tal-konvenut ghandu wkoll iservi sabiex jigu mantnuti kemm l-istess attrici u kemm l-istess konvenut.

Illi b’hekk Porzjon 'A' ghandu jigi assenjat lill-attrici, filwaqt Porzjon 'B' ghandu jigi assenjat lill-konvenut.

Illi fuq il-hames talba attrici, din il-Qorti tichad l-istess talba *stante* li l-provi dwar l-istess ma ngabux mill-attrici.

Illi ghar-ragunijiet gja' sottomessi, il-Qorti thoss li s-sitt (6) talba attrici ghandha tigi milqugha u b’dan li l-kera tal-istess fond, kif gja’ nghad ghandha b’effett mid-data ta’ din is-sentenza tigi mdawra esklussivament fuq l-attrici, u ghal dan l-iskop din il-Qorti qed tordna l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta’

Xbiex, u ghal dan l-iskop qed tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; u filwaqt li **tichad il-hames (5) talba attrici** minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha enumerati wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), u sitta (6)** biss fil-kuntest u fil-parametri hawn decizi, b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Debono minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, b'dan minhabba l-istess z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrevokabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut esklussivament.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Ligi fl-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha b'effett mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li l-istess manteniment jithallas lill-attrici fir-residenza attwali taghha kull gimgha bil-quddiem.

3. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.)** *in toto.*

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tiddikjara li din tikkonsisti fis-segwenti:-

[a] Kirja tal-hanut *Halfway Bar*, Sliema li gie mikri mill-konvenut fl-1990 inkluz l-*istock* u l-avvjament tal-istess inkluz kull debitu li hemm fuq l-istess negozju.

[b] Kirja tal-fond matrimonjali u cjoe' Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex, inkluz il-mobbli kollha li jinsabu go fiha li dwarhom ma kien hemm l-ebda prova.

[c] L-ammont ta' seba’ mija u hdax-il lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm711.78) li hemm depozitati l-*HSBC Bank* Malta f'kont kurrenti f'isem Carmel Debono u li jgib in-numru 008-046740-001. [Dok. “DD1” – “DD7”]

[d] *Bearer account* li jgib in-numru *[thirty thousand, one hundred forty two]* li sal-1 ta' Dicembru 1998 kellu bilanc ta' elfejn, tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm2,825.02).

[e] Vettura li hemm registrata f'isem il-konvenut *Austin Mini* KAA-245 li ilha registrata f'isem il-konvenut sa mis-6 ta' Jannar 1998.

[f] Arretrati ta’ kera tal-istess dar matrimonjali u kera tal-*meters* tad-dawl u ilma u konsum ta’ dawl u ilma tal-fond Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta’ Xbiex, u kera tas-servizz tat-telefon, u kontijiet ghall-uzu tal-istess.

Illi din il-Qorti tordna li l-istess komunjoni tal-akkwisti ghandha *arbitro boni viri* tigi maqsuma b’dan il-mod:-

i) **PORZJON “A”** li qed tigi assenjata lill-attrici u din konsistenti:-

- Kirja tal-fond Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex inkluz il-mobbli li jinsabu go l-istess dar matrimonjali.

- *Bearer account* li jgib in-numru [*thirty thousand, one hundred forty two*] li sal-1 ta' Dicembru 1998 kellu bilanc ta' elfejn, tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u zewg centezmi (Lm2,825.02).

- Nofs l-arretrati ta’ dawl, ilma u *telephone* tad-dar konjugali, u kera tal-fond *de quo* sad-data ta’ din is-sentenza.

ii) **PORZJON "B"** li ghandha tigi assenjata lill-konvenut u din konsistenti fis-segwenti:-

- Kirja tal-hanut *Halfway Bar*, Sliema, bl-oggetti kollha u l-*istock* li huwa adebit fl-istess hanut, u kull debitu in konnessjoni mal-istess.

- Vettura li hemm registrata f'isem il-konvenut *Austin Mini* KAA-245 li ilha registrata sa mis-6 ta' Jannar 1998.

- L-ammont ta' seba' mija u hdax-il lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm711.78) li hemm depozitati l-*HSBC Bank* Malta f'kont kurrenti f'isem Carmel Debono u li jgib in-numru 008-046740-001. [Dok. "DD1"- "DD7"]

- Nofs l-arretrati ta' dawl, ilma u *telephone* tad-dar konjugali, u tal-kera tal-istess fond sad-data ta' din is-sentenza.

5. Tichad din it-talba sabiex il-konvenut jigi ordnat jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u dan *stante* li l-attrici ma gabet l-ebda provi dwar l-istess.

6. Tawtorizza lill-attrici tkompli tabita esklussivament fid-dar matrimonjali li hija mikrija f'Block A1, Flat 3, Housing Estate, Ta' Xbiex, b'dan li kif fuq provdut il-kera tal-istess tibda mid-data ta' din is-sentenza tghajjat biss lill-attrici, u l-istess attrici ghandha tghix f'din id-dar ad eskluzjoni tal-konvenut, li ghal dan l-iskop qed jinghata terminu qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex jizgombra mill-istess fond.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll tal-Mandati ta' sekwestru mahrugin kontra l-konvenut numru 315/99 u tal-kontro-Mandat tal-istess kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 511/99 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------